**Il-Gimgha 29 ta' Ottubru 2004**

# Minn Londra sa England?

Donnu li l-Gvern Nazzjonalista wara li holoq il-pandemonju dwar it-tempji unici ta' Hagar Qim ghadu ma xebax izeblah il-patrimonju storiku Malti.

Pero', minghand Gvern li ried rapporti kontra rapporti u protesti kontra protesti biex jintebah li l-ftuh ta' mizbliet hdejn sit uniku arkeologiku se jkun ta' detriment ghall-istess sit, kollox tistenna.

## Malta t-tieni post ghad-densita' ta' siti storici

Malta hija t-tieni pajjiz fid-dinja ghad-densita' ta' postijiet storici wara Ruma. Hija l-uniku post fid-dinja fejnjezistu t-tempji neoliticili huma l-eqdem bni fid-dinja. Hija wkoll gawhra ta bini Barokk u l-Kon-Kattidral ta' San Gwann huwa wiehed mill-aqwa opri ta' l-arti ta l-epoka tieghu fid-dinja. Ghalkemm hafna ma jafux li l-arkitetti li bnew postijiet fil-Belt u fl-Imdina huma l-istess arkitetti li bnew f'postijiet f'Parigi, f'Firenze u f'Ruma. F'pajjizna ghandna opri ta' l-arti li nhadmu mit-tapezzara t' Lwigi XIV u mill-aqwa haddiema tal-fidda ta' Firenze. Zgur li qatt ma jista' jkun iggustifikat li narmu wirt pajjizna u nfahhru lil pajjizi ohrajn Ewropej. In-nuqqas ta' apprezzament ta' pajjizna juri biss kemm ma nkunu nafu xejn dwaru.

## It-Teatru tal-Belt

It-Teatru tal-belt maghrug bhala Rjal huwa l-ikbar opra ta' l-arti li ghamlu l-Inglizi f'pajjizna. L-Inglizi f'Malta ffokaw iktar fuq fortifikazzjonijiet u difiza. Izda t-Teatru Rjal mhux mibni hlief mix-xoghl ta' l-arkitett Ingliz Emmanuel M. Barry li huwa l-istess arkitett li ddisinja r-Royal Opera House, f'Covent Gardin f'Londra. Huwa kien ukoll it-tifel ta' Charles Barry li kien arkitett tal-Palazz Westminister u ta' Halifax u li fil-fatt it-tifel tieghu, Edward Middleton Barry, kien kompla x-xoghol fuq dawn iz-zewg binijiet wara l-mewt ta' missieru.

Dan ifisser li dan il-bini sfortunat huwa patrimonju storiku mill-isbah li hallitilna warajha hakma ta' 164 Ingliza.

L-isfortuna ta' dan it-teatru huwa l-fatt li kien wiehed minn dawk il-binijiet li ggarrfu fit-Tieni Gwerra Dinjija.

**It-Teatru Illum**

Pero' ironikament apparti milli illum dan it-teatru qed ikun kontinwament imzeblah billi jintuza bhala 'car park' imma almena qd itaffi xi ftit il-problema ta' parkegg tal-karozzi fil-Belt, qed ikun imzeblah kull darba li jizzeffen fin-nofs meta jintqal, kif gara, darba, tnejn, tlieta, li se jerga' jinbena minn Gvern Nazzjonalista.

Sar proprju simbolu haj ta' kemm il-Gven Nazzjonalista kapaci jikser kelmtu u jwieghed fil-vojt. Sahansitra kien ukoll isemma bhala l-progett tal-millennju.

**'Il quddiem fiz-zmien**

Ma ninsewx izda hbiebi, li huwa simbolu car ukol tat-tamiet fiergha tal-Maltin li kunn darba qeghdin jibilghu gideb grass bhal din tal-bini tat-teatru. Kull wihed u wahda minna li qed jimmagina bini bhal dan mibni mill-gdid bil-glorja li kellu qabel, irid imur ferm 'il quddiem fiz-zmien – u jekk tippermettuli nkejjel iz-zmien flor bis-snin – bil-flus – nghidilkom li rridu mmorru 'l quddiem fiz-zmien sakemm jinqata' d-dejn kollu ta' jajjizna u l-interessi kollha li jkunu ngemghu sa dik id-data.

Forsi hemhekk, xi 400 sena ohra, meta ahna nkunu ilna li sirna storja, it-Teatru jkun hadu jezisti u jerga' jitla mill-gdid!

**Cans iehor**

Cans iehor huwa il xi organizzazzjoni dinjija thenn ghalina u tghinna hi.

**Toffendulniex l-intelligenza**

Izda jien hawnhekk nitlob lill-Ministru koncernat ma joffendix l-intelligenza tal-poplu billi dejjem insemmu li se jitla' t-Teatru. Kull meta nisma' hekk ikolli mmur niccekkja l-kalendarju halli nara jekk ikunc l-1 ta' April!

Gvern li qed jiddejjen biex ihallas sptar gdid li ha 12 il-sena biex tela' gebel u saqaf, ghandu flus u rizorsi biex jirrestawra u jibni mill-gdid opra ta' l-arti tas-Seklu 19 fuq l-istess livell ta'bini f'Londra?

**Restawar u rikostruzjoni**

M'uzajtx il-kliem restaurar u bini mill-gdid bi zball. Biex jintefa' izar melh fu qil-ferita qed jerga jidhol suspett li jekk Jimena t-Teatru jista' jinbena b'mod modern.

Dawn huma affarijiet li lanqas lili ma jghadduli minn rasi allavolja m'inix perit. Barra minn hekk, ma nafx fejn hi l-MEPA f'kazijiet bhal dawn. U bil-haqq – dak li hu d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali llum – li huwa bini mibni fis-Seklu 19 u li kien mibni

minn kummercjant Ingliz (jigifieri individwu) kien inbena fl-istil li hu – li ma kienx ta' zmienu – biex jaqbel mat-teatru ta' quddiemu. Fil-fatt dan il-bini, maghruf ukoll, bhala Palazzo Ferreria, gie mibni fl-istil klassiku biex ma jaghmilx ghajb li-teatru ta' quddiemu. Nispera li jekk jitla t-Teatru ma jaghmilx ghajb lill-bini ta' quddiemu!

**Bejn Nazzjonalisti u kavallieri – lezzjonijiet mill-istorja**

Ta' min jghid li l-kavallieri bnew il-Belt Valletta fi zmien sentejn u kull min kien xtara art hemmhekk kellu jibda jibniha fi zmien sitt xhur minn mindu hadha.

Ezempju iehor li nistghu niehdu mill-istorja, ghalkemm mhux Ingliza, kien li l-Gran Maseru del Monte stess kien imur jissorvelja x-xoghol il-Belt u joqghod go l-injam sakemm jitlesta l-palazz tieghu. Barra minn hekk Gran Maseru minnhom sa kkonvinca lil zijuh jaghtih art sabiex jaghmel Kastilja.

Infakkru wkoll li diversi Gran Mastri u Balliji kienu jghinu bliet godda u swar minn buthom. Forsi ma tafx kif bhalma smajna b'Senglea, Valletta, b'Paola, Citta' Hompesch, id-Dijuballi (id-Due Balli), Forti Ricasoli u Forti Chambray nisimghu b'postijiet li jgorru isem aktar modern!

**Wara kollox**

Pero' ma nixtieqx inkompli nkabbar is-saga tat-Teatru ghax hija hrafa li ilna diga wisq noholmu biha ahna l-Maltin. Bl-istess mod kif hawn min qed johlom bl-isptar il-gdid lest. L-affarijiet kif inhuma sejrin ftit se jkun hawn ghalliema tal-lum li ma jilhqux jorqdu darba ghal dejjem qabel dawn iz-zewg progetti jitlestew!